TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Georgeanne Mifsud**

**Vs**

**Klikk Ltd.**

**CCT 137/20/MM**

Illum, 3 ta' Ottubru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-28 ta' Settembru 2020 fejn talbet is-somma ta' elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) prezz ta' *laptop* li hu allegatament difettuż u dan fil-perjodu fejn hu kopert bil-garanzija.
Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata fejn issottomettiet illi kwalunkwe ħsara li setgħa ġarrab dan il-*laptop* kien riżultat ta' daqqa li sofra l-oġġett u ċertament ma kienx difett fil-manifattura b'hekk l-oġġett ma huwiex kopert bil-garanzija.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda laptop tal-ghamla Apple maghruf bhala Macbook mixtri minghand is-socjeta' intimata nhar l-20 ta' Ottubru 2016 u dan versu l-

prezz globali ta' Euro 1308, liema prezz globali jinkludi fih is-somma ta' Euro 179 illi r-rikorrenti hallset sabiex ikollha garanzija ghal tliet snin, b'dan li l-garanzija kellha taghlaq fl-20 ta' Ottubru 2019.

Filwaqt li r-rikorrenti tilmenta li l-laptop zviluppatlu difett, ossia patch griza fin-nofs tal-iscreen, u tghid li l-hsara hija screen burn, u cioe difett fl-LCD panel, li ma hijiex kawzata bl-uzu, min-naha l-ohra, is-socjeta' intimata tghid li l-patch griza fin-nofs tal-iscreen mhuwiex difett fil-manifattura izda hija hsara kkawzata minn uzu hazin tal-oggett u/jew hsara fizika.

Illi jinghad mal-ewwel li ma giex spjegat kif zviluppa dan id-difett fl-iscreen tal-laptop b'mod sodisfacenti u dwar dan se ssir referenza iktar 'l quddiem. Illi s-socjeta' intimata kkonfermat certu affarijiet li ntqalu mir-rikorrenti u ghalhekk dan mhux kaz fejn il-partijiet kellhom verzjonijiet diametrikament opposti izda huwa nuqqas ta' qbil u/jew interpretazzjoni tad-difett, fejn ir-rikorrenti tallega difett fil-manifattura u s-socjeta' intimata tirrispondi li dan sehh b'uzu hazin tal-oggett.
Illi mhux il-kompitu ta' dan it-Tribunal li jindika x'seta' gara, pero' li hu zgur hu li ma tressqet ebda prova sodisfacenti u konklussiva da parti tar-rikorrenti li l-laptop kien difettuz u mix-xhieda mressqa u iktar plawsibbli li l-hsara sehhet kawza ta' xi azzjoni jew ta' xi nuqqas da parti tar-rikorrenti u dan ghas-segwenti ragunijiet u osservazzjonijiet :

1. Il-laptop kien ilu jahdem tajjeb ghal tliet snin u filfatt l-ilment sar tliet ijiem qabel taghlaq il-garanzija ta' tliet snin.

2. Fl-10 ta' Awwissu 2019 ir-rikorrenti hadet il-Macbook gewwa l-hanut tas-socjeta' intimata u wara li tnehhielu l-cover biex jigi ccekjat ghal-hsarat fuq barra li jkunu vizibbli rrizulta li m'hemm l-ebda hsara, filfatt is-socjeta' intimata ghamlet ix-xoghol u rritornatu fit-12 ta' Awwissu 2019. Dan it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita

dak li xehed Joenick Farrugia, general manager tas-socjeta' intimata, li fl-affidavit tieghu jispjega li qabel ma ngabar il-Macbook gie ppruvat u sar il-hlas peress li s-servizz mitlob (format) ma jkunx kopert bil-garanzija u sa dakinhar fl-ebda mument ma gie nnutat li kien hemm xi patch griza jew xi daqqa fuq il-Macbook minn hadd mill-partijiet.

3.Ir-rikorrenti tittanta s-sahhah it-tezi taghha b'technical report mahrug minn Compeduc datat 14 ta' Jannar 2021 versu l-prezz ta' Euro 20 (skont l-ircevuta annessa mal-istess dokument) li fih il-firmatarju Andre Borg jispjega li ghamel spezzjoni fuq Macbook u rrizultalu li kien hemm screen burn u jghid li dan huwa difett f'LCD panel u mhuwiex ikkawzat minn uzu hazin jew b'negligenza tal-utent. Illi dan it-Tribunal ma jhossx li ghandu jistrieh fuq dan id-dokument ghal dawn ir-ragunijiet –

-Ir-rapport ma giex mahluf quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk l-awtenticita' tieghu tistgha tkun dubjuza.

-L-ispezzjoni saret sena u tliet xhur wara li gie nnutat dan id-difett fis-17 ta' Ottubru 2019, u dan it-trepass taz-zmien huwa iktar relevanti stante li l-attrici baqghet taghmel uzu kontinwu mill-laptop.

-Ghalkemm it-Tribunal ma jidholx fil-mertu tal-prezzijiet, pero', rapport li sewa Euro 20 ma jispirax fiducja li saret xi spezzjoni dettaljata. Filfatt, ir-rapport jikkontjeni biss zewg sentenzi.

4.It-Tribunal huwa tal-fehma li materja daqstant teknika kien jispetta lir-rikorrenti li titlob il-hatra ta' espert minn dan it-Tribunal u sa kemm jigi konkluz l-ezami tal-espert ma taghmilx uzu mil-laptop ghas-semplici fatt li screen burn ma jeskludix ukoll hsara kkawzata minn uzu hazin ghaliex il-laptop seta' esperjenza z-zewg eventwalitajiet. Il-prova li riedet tingieb b'mod konklussiv hija li fis-17 ta' Ottubru 2019 il-patch fl-iscreen tal-laptop kienet difett u xejn izjed. Peress li l-ispezzjoni ta'

Compeduc saret sena u tliet xhur wara li gie nnutat id-difett, din il-prova koklussiva ma tistax tigi ppruvata ghaliex jista' jaghti l-kaz li verament wara l-gheluq tal-garanzija u matul it-trepass taz-zmien (sena u tliet xhur) il-laptop jesperjenza screen burn b'dan illi din tkun relevanti ghal-kaz odjern stante li l-garanzija ghalqet fl-20 ta' Ottubru 2019.

5. Fid-dawl ta' dan hija iktar verosimili u kredibbli l-verzjoni tas-socjeta' intimata li l-hsara fl-iscreen kienet dovuta ghal-uzu hazin. M'huwiex kontestat li meta l-attrici hadet il-laptop fil-hanut tas-socjeta' intimata fis-17 ta' Ottubru 2019 dawn irrifjutaw li jzommuh peress li l-impjegat nnota daqqa fuq il-metall tal-laptop li kienet tikkorrispondi mal-pozizzjoni tal-patch fuq l-iscreen. It-Tribunal jinnota li s-socjeta' intimata ma kellha l-ebda raguni li tirrifjuta negozju li kieku mhux ghax vera l-laptop kellu daqqa fuqu.

Illi mhux kull hsara illi tirrizulta hija difett u f'dan il-kaz l-attrici ma resqitx prova sodisfacenti li juri dan. Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma li tenut kont ta' dak fuq inghad it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jichad it-talba tar-rikorrenti, jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr Martha Mifsud LL.D.**

**Arbitru**